MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 541/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Awwissu 2005 gall-habta tat-3.30 p.m. gewwa l-Kalkara

A. b'eghmil zieni, kkorrompa lil omissis ta' 14-il sena, persuna ta' taht l-eta`

B. kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

C. kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'xatt il-bahar jew f'lok iehor pubbliku, neza gharwien jew ma kienx liebes xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Dicembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 203 u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija.
Din il-piena nghatat wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, l-eta` taz-zaghzugh illi kellu erbatax-il sena maghluqa, l-fatti illi l-minuri ma ntmessx mill-imputat u l-fatt illi l-atti di libidini kienu momentanji a kawza ta' l-azzjoni mmedjata ta' missier il-minuri u l-fedina penali nadifa ta' l-imputat.
Il-Qorti ordnat illi l-ismijiet ta' l-imputat, tal-minuri u l-familjari sew tal-minuri kif ukoll ta' l-imputat ma jixxandrux ghal raguni specifika li l-familja tal-minuri u l-familja ta' l-imputat huma gara u jghixu bieb ma bieb u ghaldaqstant pubblikazzjoni ta' dawn il-fatti jwasslu biex jesponu l-identifikazzjoni tal-minuri koncernat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, (b'dan illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti ghal fini ta' piena) u, minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament tirrifromaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issiby hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha w konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.
L-appellant jirrileva illi jidher illi l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha esklussivament fuq il-verzjoni tal-fatt kif spjegati mill-minuri omissis u missieru. Filfatt jidher car illi l-Qorti skartat il-verzjoni tal-fatti kif esposti minn l-imputat,

nonostante l'fatt illi din ix-xhieda giet korraborata minn xhieda ohra, w sabet htija fuq dak illi qal il-minuri.

L-appellant, minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante illi huwa jipprotesta l-innocenza tieghu, umilment jissottometti illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva, fic-cirkostanzi huma eccessivi.

Ikkonsidrat
Illi l-ewwelnett dina l-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun legalment u raġonevolment soddisfaċenti.

Illi sabiex tara jekk is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti kenitx legalment u raġonevolment soddisfaċenti, il-Qorti fliet il-provi mill-ġdid.

**Xhieda u Provi tal-Prosekuzzjoni**

**L-istqarrija tal-appellant**

Fl-istqarrija tiegħu l-appellant qal li kien għamel toilet mal-art. Hu kien ta ġenbu lil omissis. F'ħin minnhom ġie missier omissis għalkemm kien naqra fl-għoli. Huwa nnega li b'xi mod kien għamel xi att indeċenti quddiem omissis.

Missier omissis xehed li huwa mar ifittex lil omissis u lill-appellant għax kienu ilhom li telqu madwar għoxrin minuta. (fol 25). Huwa ra lill-appellant jagħmel att indiċenti
Bil-parti privata tiegħu. Huwa kien xi tletin pied bogħod minnhom waqt li t-tifel kien erba' piedi bogħod mill-appellant. L-appellant kien bilwieqfa iħares lejn it-tifel.

Fil-kontro-eżami huwa qal li t-tfal tax-xhud qatt ma qalu li l-appellant għamlilhom xi ħaġa. (fol 28). Ix-xhud qal li l-appellant kien xammar il-qalza tax-shorts u beda jagħmel l-att indiċenti (fol 29). Huwa kien għamel xi żewġ minuti jħares lejn l-appellant huwa u jagħmel din il-mossa. Iżda huwa żied jgħid li huwa kien ra l-mossa għal ftit sekondi. (fol 32). Omissis kien qallu li l-appellant ġibidlu l-attenzjoni biex iħares. Biss omissis dak il-ħin qal lix-xhud li

ma kien ġara xejn. Kien fil-karozza li beda jgħid lil ommu x'ġara u x'ma ġarax.

Omissis xehed li l-appellant kien qallu biex imorru sa dik it-toqba. Sakemm Omissis kien qed ipinġi mal-ħajt, l-appellant kien qallu biex iħares. Omissis kien ra lill-appellant jagħmel l-att indiċenti u qal lill-appellant biex joqgħod kwiet. U reġa' qallu biex joqgħod naqra ħdejh. Għal mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud tenna li kien ra lill-appellant jagħmel att indiċenti. Imbagħad kien deher ix-xhud li xehed qabel. (fol 39) Wara domanda li saret mill-Qorti x-xhud wieġeb li seta' jara l-parti tal-appellant (fol 40). F'ebda ħin l-akkużat ma qeda xi bżonn naturali.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-akkużat kien li qallu biex imorru 's'hemm isfel', li ll-akkużat wiċċu lejn ix-xhud u lilu qatt ma kien ittantah. Ix-xhud kien tkellem ma' missieru huma u sejrin fil-karozza. (fol 46).

PS 1330 Alexander Schembri xehed dwar ir-rapport li kien daħal fit-28 t'Awwissu 2005. Huwa qal li l-akkużat baqa' jinnega li wettaq xi reat. (Ara wkoll Dok P5 a fol 30).

**Xhieda Difiża**

Xehed l-appellant li qal li omissis kien stiednu biex imorru dawra. Marru fuq blat inigges u kien hemm daqsxejn perikolu biex tinżel. Kien hemm qisha daħla u kien hemm xi passi. Allura huwa qal lil omissis li żgur kien hemm xi tajra. Minħabba l-kundizzjoni medika li għandu, l-akkużat ħass li għandu jaqdi bżonn naturali. Fdaqqa waħda ġie missier omissis. Wara omm omissis bdiet ittih ġo wiċċu u l-appellant qalilha biex tieqaf u li hu ma kien għamillu xejn. Omissis beda jgħid li l-appellant m'għamillu xejn. L-appellant qal li lit-tifel ma kien għamillu xejn. Hawn l-appellant daħal fid-dettall dwar il-kundizzjoni medika tiegħu u l-effetti tagħha. (fol 78).

Fil-kontro–eżami l-appellant qal hu ftit kien għamel u għalhekk forsi omissis ma sema' xejn. Lil omissis huwa ma kien qallu xejn la oqgħod hemm u lanqas żomm hemm.

Xehed ukoll Dr.Michael Borg li huwa t-tabib kuranti tal-familja għal ħafna żmien. Huwa ta dettalji mediċi dwar l-appellant li jġibu ċerti konsegwenzi. Il-Qorti qrat dak kellu xi jgħid it-tabib u b'mod speċjali dak li hemm a fol 87. B'rispett għall-ħajt privata tal-appellant, dawn id-dettalji mhux jidhru f'din is-sentenza.

Xehdet ukoll mart l-appellant li ddeskriviet il-problema mediak t' żewġha. F'mument minnhom, fil-jum in kwistjoni, missier omissis kien ġie, ħa s-sigaretti u telaq. Dan tal-aħħar qal li kien ra r-raġel tagħha jagħmel dawn l-affarijiet u hedded li jaħbat għalih ukoll (fol 98). Meta omissis ġie lura, dan qal lil missieru 'Xejn m'għamilt, pa.' U l-istess kliem kien qal lilha (fol 99). Għal mistoqsija tal-Qorti x-xhud qalet li ħadd qatt ma qalilha li ra xi għajn ħażina minnu.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

L-ewwel aggravju huwa dwar il-fatti. Skont l-appellant, u hawn l-abbli avukat difensur daħal fil-fond kemm fil-parti miktuba kif ukoll fil-parti orali, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju għar-raġunijiet mogħtija mod ieħor.

Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni, jiġifieri omissis u missier ommisis. Dawn kienu xhieda okulari u jafu sew x'ġara. Din il-Qorti hija konvinta li kien l-appellant li ħajjar lil Omissis jmur il-passiġġata u mhux bil-maqlub. M'għandha ebda dubju wkoll li ż-żewġ xhieda qed jgħidu l-verita' kif seħħet bl-ebda żieda ta' xejn. Kien l-appellant li nsista li omissis iħares lejh u omissis saħansitra qallu 'Ersaq, ħallini ħa ngħaddi.' Id-deskrizzjoni tal-mossi kollha magħmula minn omissis hija waħda grafika (fol 39). Il-Qorti aktar issib attendibbli l-verżjoni ta' Omissis speċjalment meta l-Ewwel Qorti staqsiet 'Inti x'rajtu jagħmel, Omissis?' U huwa qal il-kliem kif jidhru fit-tielet vers a fol 39.

Il-Qorti qrat ukoll b'attenzjoni dak li xehed it-tabib iżda ma tħossx li din ix-xhieda b'xi mod ixxejjen dak li seħħ fil-fatt. Kif rawj żewġ xhied okulari speċjalment Omissis li kien fil-qrib u li saħansitra qal lill-appellant biex joqgħod kwiet (fol 38).

Il-verżjoni tal-appellant dwar li fl-għar jew toqba forsi kien hemm xi tjur ma tikkonvinċi xejn lill-Qorti.

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonkludi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet raġjonevolment korrettissima fl-interpretazzjoni tal-fatti.

**Punti ta' Liġi.**

L-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta rreferiet għall-artikolu 203 tal-Kap 9 dwar l-ewwel imputazzjoni li jgħid hekk:

203. (1) Kull min, b'għemil żieni, jikkorrompi persuna tfal taħt
l-eta', tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena
ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni
jew mingħajrha:

Ċirkostanzi
aggravanti.
Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn
tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed
mill-każijiet li ġejjin:
(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta'
ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;
(b) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
(ċ) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi
twiled, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mi-ttutur
tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk
għal xi żmien, ikun .ie fdat il-minuri sabiex jieħu
ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew i.ommu.

Kwerela tal-parti
offiża.
(3) Għad-delitt ta.t dan l-artikolu ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża.

Skont id-duttrina tal-Qrati tagħna biex ikun hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jinħtieġ dawn l-elementi kif spjegati fil-każ 'Iil-Pulizija verus Kelinu Mifsud' (Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Jannar 1955:

Meta l-Qorti tkun persważa li l-fattijiet tla-każ jinkwadraw ruħhom għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jiġifieri l-eta' minuri tal-vittma, l-element materjali tal-libidine, u l-element intenzjonali, cioe' r-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-atti libiduniżi intiżi għas-soddisfazzjoni sesswali , hemm ir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni.

Ma' dawn wieħed iżid il-kwerela.

Dwar din tal-aħħar m'hemmx dubju li din saret għaliex omm u missier omissis għamlu r-rapport fl-għassa immedjatament.

L-eta' tal-allegat vittma hija 14.

Il-liġi ma tagħti ebda definizzjoni ta' att libidinuż iżda b'daqashekk ma jfissirx li l-ġudikant ma jistax jagħmel l-apprezzament tiegħu. L-att libidinuż huwa dak li jidher a fol 38 et fil-proċess. Huwa biżżejjed li dan isir fil-preżenza tas-suġġett passiv ukoll jekk dan ma jkun imġiegħel jagħmel xejn ħlief iħares. Huwa sinifikanti kif l-appellent enfasizza li hu ma kien għamel xejn lil Omissis meta kien konfrontat bis-sitwazzjoni. Il-fatt li hu ma missx lil Omissis ma jfissirx li r-reat ma twettaqx.

L-intenzjoni hija ċara mill-għamil deliberat u mit-talba tal-appellant sabiex omissis iħares lejh u mit-talba ta' omissis biex jitħalla jgħaddi u biex l-appellant joqgħod kwiet.

Lanqas jekk omissis kien diġa' jaf il-fatti tal-ħajja xorta bl-att li għamel l-appellant fuqu nnifsu jista' jiġi korrott. (Ara

'Il-Pulizija versus Andrew Bonnici tat-23 ta' Jannar 1998 u 'Il-Pulizija versus Wiffen' 8 ta' Jannar 1996.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

Bl-istess fatti l-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Dawn huma assorbiti skont la-rtikolu 17(h) tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

It-tieni aggravju huwa dwar il-piena.

L-Ewwel Onorabbli Qorti hija u tikkalibra l-piena ħadet in konsiderazzjoni :

(a) il-fatti kollha tal-każ;
(b)l-eta' taż-żagħżugħ;
(ċ) il-fatt li l-minuri ma ntmessx mill-imputat;
(d) il-fatt illi l-atti di libidine kienu momentanji għaliex il-missier intervjena ;
(e) l-fedina penali tal-imputat (appellant).

Il-piena hija entro l-parametri tal-liġi. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tibdel il-piena u konsegwentement qed tiċħad it-tieni aggravju wkoll.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell interpost u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Omissis' fis-7 ta' Diċembru 2010.

Il-Qorti qed tikkonferma wkoll l-ordni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-ismijiet tal-imputat appellant, tal-familjari jew tal-minuri ma jixxandrux. Għax kull isem minn dawn jista' jwassal għall-kxif ta' isem il-minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------